SAN ĠILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 08/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 24/01/'11 8**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 24/01/'11 9**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 24 ta' Jannar 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Membru Joseph Oliva
Membru Karl Consiglio
Membru Carmel Agius

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat fl-19 ta' Jannar 2011. l-Aġenda kienet hekk:

Approvazzjoni ta' Minuti
Korrispondenza
Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2010
Approvazzjoni Budget / Business Plan
Mistoqsijiet
Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 06/KA1/10 u 07/KA1/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Chairman ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Membru Karl Consilgio ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

1.3.05 Il-Membru Carmel Agius wasal fis-6.10 p.m.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 6486 | Email mingħand il-Ministeru għar-Risorsi u l-Affarijiet Rurali rigward qasrija mkissra fi Triq il-Knisja. |
| 6510 | Email mingħand il-Blues Limited rigward mapep f'San Ġiljan. |
| KA0011, 17 & P26 | Korrispondenza rigward *Planters* quddiem il-Bar Celona Lounge. |
| 58 & K1581 | Korrispondenza rigward it-talba sabiex tiġi rrilaxxata l-bank guarantee mill-MEPA rigward il-PA/00950/09 u PA6723/07. |
| KA0017 & P12 | Ittra uffiċċjali li l-Kunsill irċieva mingħand l-Av. Mark Refalo għan-nom tas-Sur Philip Attard. |
| 304 | Email mingħand l-Avukat Dr. Stefano Filletti rigward ittra lid- |

Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

356 Email mingħand is-Sur David Soler rigward dħul mil-LES.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 6486

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand il-Ministeru għar-Risorsi u l-Affarijiet Rurali rigward qasrija mkissra fi Triq il-Knisja. Ġie deċiż unanimament illi l-ministeru jiġi nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv jitlob li jitneħħew il-qsari ta' Triq il-Knisja sabiex dawn ma jibqgħux jiġu vvandalizzati u biex ikun hemm aktar aċċess għall-pubbliku.

Rif. Nru. KA0011, 17 & P26

2.03 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward *Planters* quddiem il-Bar Celona Lounge. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv joġġezzjona li jitwaħħlu kwalunkwe *Planters* iżda jikkonsidra li jsiru xi tip ta' bollards dment li l-Kumitat Amministrattiv jiġi nfurmat bit-tip tal-bollard, il-kwantita', il-qies ( li m'għandux ikun aktar minn 15 il-ċentimetru dijametru) u jingħata ritratt tagħhom.

Rif. Nru. 58 & K1581

2.04 Saret riferenza għall-korrispondenza rigward t-talba sabiex tiġi rilaxxata l-bank guarantee mill-MEPA rigward il-PA/00950/09 u PA6723/07. Gie deċiż unanimament li l-garanzija bankarja tista' tiġi rilaxxata.

**3 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2010**

3.01 Saret riferenza għar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2010 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata tar-rapport.

3.03 Wara diskussjoni l-Viċi Chairman ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju.

3.04 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.



ll/b

## 4 Approvazzjoni Budget / Business Plan

4.01 Iċ-Chairman ressaq il-Budget / Business Plan għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tar-rapport.

4.03 Il-Membru Karl Consiglio ppropona l-approvazzjoni tal-Budget / Business Plan.

4.04 Il-Viċi Chairman issekondah.

4.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 5 Mistoqsijiet

5.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat bil-lista tal-mistoqsijiet / ilmenti li tressqu waqt il-laqgħa tas-6 ta' Diċembru 2010 flimkien mar-risposta li ngħatat u talbiet oħra li saru miċ-Chairperson (Ara Appendiċi 'C').

## 6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Membru Karl Consiglio ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv illi għandhom jiġu osservati r-regolarmenti u proċeduri tax-xogħolijiet u li l-kuntratturi tal-Kunsill ma jistgħux jingħataw 'direct orders' biex isir xi xogħol fil-lokalita'. Din il-pratikka toħloq diversi problemi fosthom:-

- Immaniġġar finanzjarju ħażin
- L-amministrazzjoni ma tkunx taf li qed isir ix-xogħol



I/K

- Ma tkunx inħarġet works order uffiċċjali
- Il-Contracts Manager, li finalment irid jiċċertifika ix-xogħol, ma jkunx jaf li qed isiru x-xogħolijiet
- Tinħoloq sitwazzjoni fejn il-Kunsill jista' ma japprovax li jsir il-pagament lill-kuntrattur
- Il-kuntratturi qed jiġu f'sitwazzjoni mbarazanti meta jingħataw direct orders minħabba li jafu l-proċedura tal-Kunsill
- F'kazijiet fejn ikun ser isir resurfacing ta' triq jew bankina l-proċedura hija li jiġu nnotifikati l-entitajiet kollha qabel ma jibda x-xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-Kumitat li l-kuntratturi nkluż il-Contract Manager ser jiġu nnotifikati bil-miktub li ma jista' jsir l-ebda xogħol jekk ma jkunx approvat mill-Kunsill u jekk ma tkunx ingħatat works order uffiċċjali. Il-Contract Manager huwa mitlub josserva dawn il-punti u ma jiċċertifika l-ebda xogħol iehor.

7.02 B'riferenza għall-crash barrier li hemm fi Triq San Ġorg kantuniera ma' Triq Sant'Andru, il-Kumitat qabel unanimament li tintbagħat ittra lit-Transport Malta fejn jingħad li l-Kumitat ma jaqbilx li titneħħa din il-crash barrier minħabba s-sigurta tal-pubbliku iżda joqgħod fuq il-parir tekniku tat-Transport Malta.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament li jiġi nfurmat it-Transport Malta sabiex:-

- jitneħħa d-double yellow line li hemm fi Triq il-Knisja n-naħa tal-Lulu Restaurant peress li dawn saru mingħajr permess.

- Jiġi vverifikat jekk il-white lines li hemm in-naha tar-Rokna Restaurant, fi Triq il-Knisja sarux bl-approvazzjoni tat-Transport Malta. Jekk jirrizulta li saru bla permess dawn għandhom jitneħħew.

- Il-Membru Karl Consiglio għandu jipprovdi r-ritratti ta' dawn il-linji lis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun tista tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

7.04 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 46 sa 53 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'E').

7.05 Il-Viċi Chairman ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

7.06 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

7.07 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.09 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-7.35 p.m.

28/2/11.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**